

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tad-19 ta' Lulju 2012 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tal-Wojewódzki Sąd Administracyjny w Gdańsku — Il-Polonja) — Fortuna Sp z o.o. (C-213/11), Grand sp. z o.o. (C-214/11), Forta sp. z o.o. (C-217/11) vs Dyrektor Izby Celnej w Gdyni**

(Kawżi magħquda C-213/11, C-214/11 u C-217/11) <sup>(1)</sup>

*(Suq intern — Direttiva 98/34/KE — Standards u regolamenti tekniċi — Proċedura ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi — Slot machines b'rebħ limitat — Projbizzjoni ta' emenda, tiġdid u ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għall-operat — Kunċett ta' "regolament tekniku")*

(2012/C 295/19)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

#### Qorti tar-rinviju

Wojewódzki Sąd Administracyjny w Gdańsku

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Fortuna Sp z o.o. (C-213/11) Grand sp. z o.o. (C-214/11), Forta sp. z o.o. (C-217/11)

Konvenut: Dyrektor Izby Celnej w Gdyni

#### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Wojewódzki Sąd Administracyjny w Gdańsku — Interpretazzjoni tal-Artikolu 1(11) tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE, tal-20 ta' Novembru 2006 (ĠU L 352M, p. 709) — Kunċett ta' "regolament tekniku" — Dispożizzjoni nazzjonali li tipprojbixxi l-emenda ta' awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' magni tal-logħob (slot machines) b'rebħ limitat sa fejn tikkonċerna l-post fejn ikunu installati dawn il-magni

#### Dispożittiv

Il-punt 11 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura dwar l-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u r-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE, tal-20 ta' Novembru 2006 għandu jiġi interpretat fis-sens li dispożizzjonijiet nazzjonali, bħalma huma dawk tal-liġi fuq il-logħob tal-ażżard (ustawa o grach hazardowich), tad-19 ta' Novembru 2009, li jista' jkollhom bħala effett li jillimitaw, jew saħansitra jirrendu progressivament impossibbli, l-operat tal-magni tal-logħob b'rebħ limitat f-postijiet oħra għajr il-każinòs u s-swali tal-logħob, jistgħu jikkostitwixxu "regolamenti tekniċi" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li l-abbozzi tagħhom għandhom jiġu kkomunikati bil-mod previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1) ta' din id-direttiva, sakemm jiġi stabbilit li l-

imsemmija dispożizzjonijiet jikkostitwixxu kundizzjonijiet li jstgħu jinfluwenzaw b'mod sinjifikattiv in-natura jew it-taqeghid fis-suq tal-prodott ikkonċernat, u dan għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

<sup>(1)</sup> ĠU C 219, 23.07.2011

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tad-19 ta' Lulju 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Mokestinijū ginčų komisija prie Lietuvos Respublikos Vyriausybės — il-Litwanja) — AB Lietuvos geležinkeliai vs Vilniaus teritorinė muitinė, Muitinės departamentas prie Lietuvos Respublikos finansų ministerijos**

(Kawża C-250/11) <sup>(1)</sup>

*(Eżenzjoni mid-dazji doganali u mill-VAT fuq l-importazzjoni ta' beni — Karburant li jinsab fit-tankijiet standard ta' vetturi bil-mutur li jinsaqu fuq l-art — Kunċett ta' "vettura tat-triq bil-mutur" — Lokomotivi — Transport bit-triq u transport ferrovjarju — Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament — Prinċipju ta' newtralità)*

(2012/C 295/20)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

#### Qorti tar-rinviju

Mokestinijū ginčų komisija prie Lietuvos Respublikos Vyriausybės

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: AB Lietuvos geležinkeliai

Konvenuti: Vilniaus teritorinė muitinė, Muitinės departamentas prie Lietuvos Respublikos finansų ministerijos

#### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Mokestinijū ginčų komisija prie Lietuvos Respublikos Vyriausybės — Interpretazzjoni tal-Artikolu 112 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 918/83, tat-28 ta' Marzu 1983, li jwaqqaf sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet minn dazju doganali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 1, p. 419) u tal-Artikolu 107(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009, tas-16 ta' Novembru 2009, li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali (ĠU L 324, p. 23) — Interpretazzjoni tal-Artikolu 82(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 83/181/KEE, tat-28 ta' Marzu 1983, li tiddetermina l-iskop tal-Artikolu 14(1)(d) tad-Direttiva 77/388/KEE dwar l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-importazzjoni finali ta' ċerti oġġetti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 91) u tal-Artikolu 84(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/132/KE, tad-19 ta' Ottubru 2009, li tiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 143(b) u (c) tad-Direttiva 2006/112/KE dwar l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-importazzjoni finali ta' ċerti